TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 87/14-F

**John Sydney Patrick**

**vs**

**Ray Bezzina – Green Motion Car Hire**

Illum 30 ta' Settembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab ir-rifużjoni ta' elf, ħames mija u ħamsin ewro (€1,550), rappreżentanti kiri ta' karozza li wara li irritornha lura, tnaqqsitlu s-somma ta' elf, ħames mitt ewro mill-*credit card* tiegħu għaliex kellu xi ħsara fuq il-karozza.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien kera karozza mingħand id-ditta ntimata u wara li irritorna l-karozza lura u għadda ftit ta' żmien, innota li kienu tnaqqsulu l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) mill-*credit card* tiegħu minħabba allegat ħsarat li kien hemm fuq il-vettura.

Ir-rikorrenti esebixxa r-ritratti fit-Tribunal fejn ipprova li ma kien hemm ebda ħsarat u li allura l-flus inġibdu illegalment.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat, kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, għal issa jżomm lura milli jsib disprezz lejn l-intimat ta' l-attitudni tiegħu illi lanqas biss indenja ruħu li jippreżenta ruħu fit-Tribunal, pero' jiddefendi t-talba tar-rikorrenti wara li kien ħadlu s-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), u għaldaqstant it-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u qed jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**